# MILIED 2022



Caravaggio, *Il-Madonna tal-Pellegrini* (dettall).
Santu Wistin, Ruma. © Foto Scala, Firenze.

Għalija kollox ġara bħal "jum sabiħ" li jieħdok għal għarrieda, meta wieħed mill-għalliema tiegħi fil-liċeo – kelli ħmistax-il sena – qara u fisser l-ewwel paġna tal-Evanġelju ta' San Ġwann. "Il-Verb ta' Alla, jiġifieri dak li kollox bih sar, sar bniedem", u kien ikompli jgħid "għalhekk is-sbuħija saret bniedem, it-tjubija saret bniedem, il-ġustizzja saret bniedem, l-imħabba, il-ħajja, l-verita', saru bniedem: Dak li hu mhux qiegħed f'imkien Platoniku. Sar bniedem, hu wieħed li qiegħed fostna". Dan hu dak kollu li ġara. Ħajti bħala żagħżugħ, kienet litteralment invasa minn dan: kemm bħala memorja li kienet il-ħin kollu tinfluwenza il-ħsieb tiegħi, kif ukoll bħala stimolu biex nerġa' nagħti valur lil-banalita' ta' kuljum. Kull mument, minn dakinhar, ma kienx aktar banali għalija. Meta dal "jum sabiħ" iseħħ u wieħed bla mistenni jara xi ħaġa mill-isbaħ, ma jistax joqgħod lura u ma jħabbrux lil ħbiebu, ma jistax joqgħod sieket u ma jgħajjatx: "Ħarsu hemm u araw!". U hekk ġara.

**Luigi Giussani**

Ta' tifel ta' ħmistax-il sena li kellu, hu kien milqut bħal b'sajjetta mill-misteru ta' Kristu. Hu kien intuwixxa – mhux biss bil-moħħ imma wkoll bil-qalb – li Kristu hu ċ-ċentru li jgħaqqad ir-realta' kollha, li Hu iwettaq kull xewqa għal ferħ, għat-tjubija, għall-imħabba u għall-eternita' li hemm fil-qalb tal-bniedem. Din l-ewwel laqgħa ma' Kristu kienet għaġġbitu u affaxxinatu, u dan l-istagħġib u faxxinu ma ħallih qatt f'ħajtu. Kif kien qal il-Kardinal Ratzinger fil-funeral tiegħu: "Don Giussani dejjem żamm il-ħarsa ta' ħajtu u ta' qalbu ċċentrata fuq Kristu. B'hekk fehem illi l-Kristjaniżmu mhux sistema intellettwali, jew ġabra ta' dogmi, jew moraliżmu; iżda li l-Kristjaniżmu hu laqgħa; storja ta' mħabba; hu avveniment." Hawn jinsab l-għerq tal-kariżma tiegħu. Don Giussani kien jattira, jikkonvinċi, jikkonverti l-qlub għax kien jitrasmetti lill-oħrajn dak li kien iġorr f'ruħu u qalbu wara dik l-esperjenza fundamentali: il-passjoni għall-bniedem u l-passjoni għal Kristu bħala t-twettiq il-bniedem.

**Papa Franġisku**

COMUNIONE E LIBERAZIONE